# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 16 TA' NOVEMBRU, 2000.

**Kawza Nru. 19.**
**Citazz. Nru. 1776/00 JRM.**

**AIR MALTA p.l.c.**

**vs**

**WINGS TRAVEL Company Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremetiet;

Illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf hames mija u disa' u erbghin lira Maltija u hdax-il centezmu (Lm1549.11) bejgh ta' biljetterija tal-ajru;

Illi nonostante li giet interpellata anke ufficjalment l-istess socjeta’ konvenuta baqghat inadempjenti;

Ghalhekk l-istess socjeta’ attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tiddeciedi skond it-talba tas-socjeta’ attrici bid-dispens tas-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Konsegwentement tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf hames mija u disa’ u erbghin lira Maltija u hdax-il centezmu (Lm1549.11) bejgh ta’ biljetterija tal-ajru;

Bl-interessi u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment u tal-ittra ufficcjali tas-6 ta’ Settembru 1999, kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta minn issa ghas-subizjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici li biha rriduciet it-talba bi tlett mija u disa’ liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm309.67) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta li biha ammettew it-talba kif ridotta;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, it-talba ridotta tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** limitatament ghas-somma ta' elf mitejn disgha u tletin liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm1239.44), bl-ispejjez kontra is-socjeta' konvenuta u bl-imghaxijiet legali li jibdew jghaddu mis-sitta ta' Settembru, 1999, sal-jum tal-hlas effettiv.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**16, ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**16, ta' Novembru, 2000.**